KUNSILL LOKALI ISLA

IL-ĦAMES KUNSILL

LAQGĦA NUMRU ĦDAX

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru, 2005 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skużati: | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Vakanza ta' Skrivana tal-Kunsill.

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku stqarr li kellu jgħajjat din il-laqgħa b'urġenza minħabba li trid tittieħed deċiżjoni biex timtela l-vakanza ta' skrivan/a fil-Kunsill malajr kemm jista' jkun.

Għaldaqstant din il-laqgħa saret biex il-Kunsillieri jkunu jistgħu jaraw l-erba' applikanti li ġew short listed.

## 11 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Billi din il-laqgħa issejjħet b'urġenza il-Minuti ta' l-aħħar laqgħa ser jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 11 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Ma' kienx hemm .

## 11 (3) Vakanza ta' Skrivana tal-Kunsill

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-bord ta' l-Għażla li kien unanimu fl-għażla tiegħu. (Kopja mehmuża).

11(3).1 Wara dan il-membri tal-Kunsill preżenti għamlu l-mistoqsijiet tagħhom lil kull wieħed u waħda mill-applikanti li ġew short listed.

11(3).2 Dawn saru f'din l-ordni :

Ms Anastasia Libreri
Mr Kevin Ellul
Ms Amanda Curmi
Ms Monica Formosa

11(3).3 Wara li saru dawn it-tieni set ta' intervisti l-Kunsill iddiskuta fuq dak li semgħa u ra.

11(3).4 Id-deċiżjoni finali u unanima tal-Kunsill kienet dik li approva d-deċiżjoni tal-bord ta' l-Għażla fejn l-ewwel preferenza għandha tingħata lil Ms Monica Formosa. Bħala runner up il-Kunsill approva lil Ms Anastasia Libreri.

11(3).5 Il-Kunsill qabel li s-Sinjorina Monica Formosa għandha tiġi nfurmata mill-ewwel bit-telefon biex jekk huwa possibbli tibda mill-għada fil-għodu il-Ħamis 15 ta' Settembru, 2005.

11(3).6 Kull applicant ser jiġi mgħarraf bil-miktub dwar l-għażla tal-Kunsill għal din il-vakanza.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fis-7.20pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv